# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 35/8

(Kontinwazzjoni tal-Laqgha Nru 34)

Il-Hamis 19 ta' Novembru 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Maria Micallef – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Mark Anthony Sammut – Kunsillier

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

035.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

035.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (32(08) [15/09/2020])

035.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

035.4 Sejha ghall-Offerti: ***GLC-01/2020 Service Tender for the Collection of Household Waste from the Locality of Gudja using Low Emission Service Vehicle***

035.5 Rapport Finanzjarju ta` Kull Kwart (Jannar-Settembru 2020)

035.6 Attendenza tal-Laqghat tal-Kunsill;

035.7 Performance Bonus tal-haddiema taht l-skema tal-CWES

035.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

035.9 Rapporti;

035.10 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress (pavimentar quddiem il-Kapella ta` Loretu)
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

035.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

035.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta u kwart ta` filgħaxija (6.15pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**035.1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-Kunsillier MA Sammut ma kinitx ser jattendi ghall-laqgha minhabba ragunijiet personali. Din it-talba giet approvata minn dawk prezenti.

Is-Sindku talbet sabiex jigu diskussi l-materji li ma gewx diskussi fil-laqgha precedenti peress li ma kienx hemm hin bizzejjed biex jigu diskussi.

035.3 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

035.3.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghat-talba li l-Kunsill ircieva minghand Assistant Ufficjal tal-Kunsill sabiex mill-aktar fis possibli tibda tahdem bit-telework minhabba li hija meqjusa bhala persuna vulnerabbli. Is-Sindku ziedet tghid li hija flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv tkellmu mall-impjegata u sar qbil li din l-impjegata tidhol xi sighat fil-gimgha l-ufficcju u l-kumplament tal-hin isir mid-dar. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti. Is-Sindku kompliet billi qalet li l-Kunsill ghandu bzonn jimpjega lil xi haddiehor peress li l-Kunsill ser ikun qieghed jifunzjona biss bis-Segretarju Ezekuttiv ghal tul ta` zmien u li wasal iz-zmien li l-Kunsill ikollu zewg impjegati flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv biex jiffunzjona b`mod ahjar. Is-Sindku proponiet li l-Kunsill ghandu johrog sejha ghall-Ufficjal Ezekuttiv Skala 13 fuq bazi full time. Dr. Vella qalet li mir-rapporti finanzjarji li gew prezentati l-Kunsill ghandu fondi ghad-dispozizzjoni tieghu biex jimpjega persuna ohra. Il-Kunsillier S Caruana qal li ma jaqbilx ma` din il-proposta u propona biex is-sejha tohrog fuq back to back fuq skala 15 umbghad l-Kunsill jara jekk il-kuntratt ghandux jigedded jew le wara li jiskadielu l-kuntratt. Is-Sindku sostniet li hemm bzonn li l-Kunsill jkollu persuna ohra anke meta l-impjegata prezenti tirritorna lura xoghol. Il-Kunsill approva l-proponiment tas-Sindku u talbet sabiex jinbeda l-process ghall-ingagg tal-Ufficjal Ezekuttiv mall-Kunsill Lokali tal-Gudja.

035.3.2 Is-Sindku ghamlet referenza ghal talba li saret minghand resident sabiex il-Kunsill jghaddi street lighting gdid fi Triq B`Bugia (triq fir-raba`) hekk kif issa toroq gew irrangati u hemm id-dlam. Wara diskussjoni s-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jitlob lil dan ir-resident kopja tal-kont tad-dawl bhala prova li huwa joghqod f`din l-imsemmija triq.

035.3.3 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li l-Kunsill Lokali rcieva dwar Laqgha Annwali ghar-residenti. Il-Kunsill approva li laqgha annwali sir nhar il-Hamis 3 ta` Dicembru 2020 fis-sebgha ta` filghaxija.

035.3.4 Is-Sindku proponiet li l-Kunsill igib il-kwotazzjonijiet sabiex jaghmel maskri bil-logo tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

035.3.5 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill kien bghat lid-Direttur tal-Gvern Lokali sabiex jigu allokati fondi ghall-manutenzjoni u tindif tal-latrina pubblika gdida li ser isir fi Gnien Glormu Cassar.

035.3.6 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-bus shelter ta` Triq Hal Ghaxaq. Is-Sindku proponiet sabiex l-Kunsill jibghat lill-perita ta` TM biex jigu regolarizzati double yellow lines u l-bus shelter jehel fejn gie proponut mill-kumpanija FACES ghal fatt li fejn gie proponut minn TM ser johloq inkonvenjent.

035.3.7 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-pagamenti pendenti li l-Kunsill ghandu mall-kumpanija MED Design, fejn nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill irid jiehu decizjoni dwar dawn il-hlasijiet. Is-Sindku proponiet sabiex il-Kunsill ihallas l-ahhar zewg kontijiet pendenti. Il-Kunsillier S Caruana qal li huwa ser jestjendi minn din id-decizjoni ghax ihoss li jekk l-Kunsill jhallas ikun qed jaccetta xoghol hazin li sar. Ghal proponiment tas-Sindku, qabblu l-Vici Sindku JM Calleja u l-Kunsilliera M Micallef. Ghalhekk is-Sindku ordnat li jsir il-hlas dovut.

## 035.6 Attendenza tal-Laqghat tal-Kunsill

035.6.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghal nuqqas ta` attendenza tal-kunsilliera fil-laqghat tal-Kunsill, fejn nfurmat lil dawk prezenti li l-kunsilliera Maria Micallef ma attendiex ghal diversi laqghat,

fejn prezentat l-ittri ta` apologija. Is-Sindku ziedet tghid li s-Sinjorina Micallef ma attendietx diversi laqghat minhabba ragunijiet personali u ta` sahha, ghalhekk proponiet li l-kunsilliera M Micallef ghandha tigi skuzata ghal dawk laqghat li m`attendietx ghax kienu ragunijiet justifikabbli. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

## 035.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

035.8.1 Il-Kunsillier M Micallef talbet sabiex il-Kunsill jaghmel gabra mar-residenti tal-lokalita sabiex nghinnu xi istitut ta` tfal f`dawn iz-zminijiet tal-Milied.

035.8.2 Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza dwar il-bokka ta` shelter li nfetah fejn il-kapella tal-Lunzjata. Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat lil dawk prezenti li meta gie haddiem mill-WSC ikkonferma li ma kienx hemm ilma. Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex il-bokka tas-shelter isir tal-hgieg bhal kuplament tal-bokkok l-ohra. Ghal dawn ix-xoghlijiet ser jingiebu l-kwotazzjonijiet .

035.8.3 Il-Kunsillier S Caruana ghamel referenza ghall-ittra li kellha tintbghat dwar il-kaptelli. Is-Sindku qalet li l-kaptelli ser jsiru kollha godda tal-hadid fondut ghalhekk iridu jinbidlu kollha anke dawk li saru godda. Wara diskussjoni gie deciz li ninfurmaw ir-residenti ta` Triq Santa Katerina, Triq J.Pace u Triq Dejqa sabiex ma jibdlux aktar kaptelli u minn xtara sa` l-1 ta` Novembru 2020 jipprezenta l-ircevuta lill-Kunsill biex jigi rifondut il-flus.

## 035.10 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

### b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress

035.10.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kellha laqgha mall-periti tal-Kunsill, mall-perit ta` IM u l-kuntrattur li ser jaghmel ix-xoghlijiet ta` pavimentar flimkien mall-Vici Sindku dwar ix-xoghlijiet li saru mill-IM f`dawn it-toroq. Is-Sindku ziedet tghid li hemm diversi xoghlijiet li l-Kunsill jixtieq li IM taghmel qabel ma jinbeda xoghol ta` pavimentar fosthom gutters. Is-Sindku talbet sabiex terga` ssir laqgha ohra mall-periti tal-Kunsill u l-kuntrattur flimkien mall-Kunsilliera kollha biex jigu diskussi anke l-spejjez tax-xoghlijiet li ser jizdiedu lill-kuntrattur tal-Kunsill minhabba xi nuqqasijiet li saru minn IM. Il-laqgha giet iffisata ghal Hamis 26 ta` Novmembru 2020. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**035.11** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Il-lista ta' pagamenti nru 18/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Vici Sindku JM Calleja u ssekondata mill-Kunsilliera S Caruana għall-ammont totali ta' €69,265.38 u ġiet approvata nem con.

**035.12** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja u nofs ta` filghaxija. Is-Sindku aġġornat l-laqgħa għal nhar il-Hamis 3 ta` Dicembru 2020 fis-6:00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum il-Hamis 3 ta` Dicembru 2020

| | |
|---|---|
| ffirmati | ffirmati |
| Dr. Marija Sara Vella | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |